**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 177/23 AL

A sive A B

vs

D sive D E

(M.R. Numru 556/1995)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettin ta' April tas-sena elf disgha mija hamsa u tmenin (30/04/1985) (kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi l-partijiet sseparaw fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm ebda manteniment bejn il-partijiet u z-zewgt itfal illum huma maggorenni;

5. Illi dan kollu huwa ikkonfermat bil-gurament permess ta' affidavit (hawn anness u mmarkat bhala Dok C)

6. Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jingħataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiiet, u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permez tagħha esponiet: -

1. Illi l-esponenti taqbel mal-premessa li l-partijiet ilhom separati minn xulxin legalment ghal aktar minn sentejn u dan b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elefejn wiehed u ghoxrin (2021);
2. Illi l-esponenti taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
3. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 ta' Ligijiet ta' Malta;
   Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Lulju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;